**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Amaar Adam Ismail**

**Illum, 10 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Amaar Adam Ismail,** iben Adam u Zeinab, imwieled ġewwa s-Sudan, nhar l-1 ta' Jannar 2000, detentur tan-numru tal-Pulizija 20F-005, residenti ġewwa HTV, Birżebbugia;

Akkużat talli fid-9 ta' April 2021, u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Kellu f'idejh passaport, maħruġ minn awtorita` kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċeva passaport li ġie trasferit lilu minn persuna oħra (Art. 3 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel użu jew ittenta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra, ċioe` dak diġa` msemmi (Art. 4 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni (Art. 32(1)(c)) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. U aktar talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Art. 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. U aktar talli mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess xi dokumenti meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Art 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha u dan wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri, kif ukoll li huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, tant illi kixef ukoll lill-persuna li mingħandha akkwista d-dokument in kwistjoni. Qieset ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet odjerni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 32(1)(c) u 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 u l-Artikoli 17(b) u (h) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Amaar Adam Ismail** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva.

Stante li ma ġewx maħtura esper,ti f’dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat